MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 419/2007

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Christopher Micallef (ID 388272M)**
**u Charmaine Micallef Mattocks (ID 352274M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Mejju 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-Bank attur is-somma ta' tliet mija hamsa u tmenin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm385.93) oltre` l-imghax ta' tnejn u erbghin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm42.80) sat-23 ta;' Frar 2007 u dak ulterjuri sal-hlas effettiv, u l-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz.

Ra illi n-nota tal-Bank attur tal-14 ta' Jannar 2008 gie sfilzata b'digriet moghti fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2008.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Bank attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-Bank attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tmien mija u tmienja u disghin Euro u tmienja u disghin Euro centezmi (€898.98) ossia tlett mija hamsa u tmenin Liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm385.93) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------